Charmaine Reed

Vs

Cedric Bartolo kif ezercenti fin-negozju bhala CK Construction Supplies

CCT 6/23/CC

Illum 18 ta' Lulju 2023

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrenti ipprezentata fil-11 ta' Jannar 2023, fejn talbet ir-rifuzjoni ta' l-ammont ta' €1,740 (elf, seba' mija u erbghin ewro) rapprezentanti depozitu mhallas minnha lil intimat, rigwardanti ordni ta' tinda (*pergola*), liema tinda qatt ma giet ikkonsenjata lir-rikorrenti.

Ra li l-intimat debitament notifikat bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma ipprezenta l-ebda risposta, u ma deher hadd fis-seduta skedata ghal provi kollha tal-partijiet.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lir-rikorrenti tixhed bil-gurament fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2023.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li r-rikorrenti f'Gunju 2022 ordnat tinda minghand l-intimat Cedric Bartolo, ezercenti fin-negozju bhala 'CK Construction Supplies', u gie effetwat depozitu fl-ammont ta' €1,740 (elf, seba' mija u erbghin ewro). Jirrizulta li skond il-ftehim verbali bejn il-partijiet, din it-tinda kellha tkun installata sa' l-ahhar ta' Awissu 2022. L-intimat ma zammx mal-ftehim bejn il-partijiet, u fix-xhur ta' wara segwew diversi skambji ta' messaggi bejn il-partijiet, liema messaggi r-rikorrenti ezebiet fl-atti ta' dawn il-proceduri. Jidher li l-iskambju ta' messaggi bejn il-partijiet baqa' ghaddej sa l-20 ta' Ottubru 2022, u t-tinda qatt ma giet ikkonsenjata lir-rikorrenti.

Illi jirrizulta wkoll li r-rikorrenti waqt li kien ghaddej il-kuntatt bejn il-partijiet, talbet ir-rifuzjoni ta' l-ammont mhallas minnha lil intimat, u l-intimat qata' l-kuntatt minn mar-rikorrenti kompletament.

Konsegwentement, ir-rikorrent kellha tirrikorri ghal din il-procedura sabiex jigi rifuz l-ammont ta' €1,740 (elf seba' mija u erbghin ewro) imhallas minnha lil intimat.

Illi fis-seduta appuntata ghal provi tal-partijiet, l-intimat ma deherx, u ma giet intavolata l-ebda risposta mill-istess intimat, u ghalhekk il-versjoni ipprezentata mir-rikorrenti ma hija bl-ebda mod kontradetta.

Illi inoltre t-Tribunal jinnota ulterjorment d-dokumentazzjoni ipprezentata mir-rikorrenti, fejn il-versjoni tal-fatti tar-rikorrent hija ikkorraborata min tali dokumentazzjoni.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li r-rikorrenti irnexxielha tipprova l-istanza taghha sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghalhekk it-Talba avvanzata minnha ghandha tigi milqugha fl-intier taghha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba mressqa mir-rikorrenti, u jordna lil intimat ihallas lir-rikorrent is-somma ta' €1,740 (elf seba' mija u erbghin ewro).

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-intimat.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru